

# Apple Strudel Rekord

Andrew Farrugia

Ftit tax-xhur ilu kont iltqajt ma' Norbert u ħuh Clayton. Waqt diskursata staqsewni fuq avvenimenti passati li kont għamilt fejn jidħol l-ikel u *records*. L-aħħar ħaġa li kont għamilt kienet il-Burj Khalifa taċ-ċikkulata għolja ħames sulari ġewwa Dubai.

Dawn staqsewni jekk kontx interessat li nagħmel xi ħaġa ġewwa l-Mellieħa peress li kull *record* li kont waqqaft dejjem għamiltu barra r-raħal tiegħi. Wara diskussjoni qasira qbilna li nistgħu nagħmlu xi ħaġa flimkien, jien flimkien mal-membri tal-każin tal-Banda Imperial.

Norbert u Clayton xtaqu li jsir xi ħaġa fl-Iljieli Melleħin u ħriġt bl-idea li nagħmlu Apple Strudel twila. Għoġbithom u bdejna naħdmu fuq il-loġistika, minħabba li ridna nagħmluha twila daqs il-pjazza tagħna.

Bdejna billi rajna x'kien hemm bżonn u minn seta' jtina daqqa t'id għaliex xi ħaġa hekk ma stajtx nagħmilha waħdi. Avviċinajna lis-Sur Ernest Vella ta' The Caterer fejn ippreparalna l-għaġina li kien hemm bżonn kif ukoll lis-Sinjuri Alfio u Tonio Xuereb li kienu pronti u aċċettaw li jsajrulna l-ammont kbir ta' Apple Strudel. Clayton u Norbert bdew minnufih u avviċinaw diversi *sponsors* oħra fejn għoġobhom jgħinuna, kulħadd bil-mod kif seta'.

Meta kellna kollox ippreparat, il-Ġimgħa 31 ta' Lulju, bdejna naħdmu sabiex nippreparaw dak li kien hemm bżonn. Inġabru numru kbir ta' membri mill-każin fejn beda t-tqaxxir ta' 'l fuq minn 450 kilo ta' tuffieħ. Kien hemm min beda jqatta' u min għen biex jipprepara l-mili speċjali li wżajna li hi r-riċetta proprja. Jien flimkien ma' grupp ieħor bdejna nippreparaw l-i*strudel*.

Komplejna l-għada filgħodu u f'nofsinhar konna lesti. Ġew ippreparati 'l fuq minn 190 *strudel*, twal madwar 80ċm-il wieħed. Wara nofsinhar beda t-tisjir għand Tony's Bakery.

Meta saru s-sitta u nofs bdejna nippostjaw l-i*strudel* waħda ħdejn l-oħra fuq imwejjed li ġew









ippreparati minn grupp ta' żgħażagħ li tawna daqqa t'id tajba sabiex stajna nlestu fil-ħin.

Fid-9.00 ta' filgħaxija, il-Malta Records kejlu u ddikjaraw it-tul ta' din l-Apple Strudel li kienet ta' 404 piedi. Minnufih inbeda l-bejgħ tagħha u l-flus kollha li nġabru sejrin għall-Community Chest Fund.

Nixtieq li nrodd ħajr lis-Sinjuri Josef Borg u Clayton Bartolo li ssapportjaw din l-inizzjattiva. Grazzi wkoll lil Norbert u Clayton, li naħseb li kieku ma kienx għall-entużjażmu kbir tagħhom ma kontx nagħmilha. Grazzi lil ħafna nies li għenu sabiex din kienet ta' suċċess.



SELMUN
TAL-FNIEK
Bar & Restaurant
*Specialising in Maltese Dishes, Rabbit, Horse Meat, Quails, and Delicious Pizza.*
Large Groups are Welcome
Tel: 2157 2984 • Mob: 9944 6225
LIVE Sport events on BIG SCREEN



George's Bakery
22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685
Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd